



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 18 ta' Frar 2021
(OR. en)

5907/21

LIMITE

COSI 30
ENFOPOL 59
CRIMORG 17
ENFOCUSTOM 24
JAI 159

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	7704/17, 5119/2/21 REV 2
Suġġett:	Abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-kontinwazzjoni permanenti taċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE għall-kriminalità internazzjonali organizzata u serja: EMPACT 2022 +



The Standing Committee on operational cooperation on internal security (COSI) agreed on 5 October 2010 to establish an EU Policy Cycle for organised and serious international crime (EU Policy cycle) and defined the different implementation steps¹. An initial and reduced EU Policy Cycle (2012-2013) was followed by two fully-fledged four-year EU Policy Cycles (2014-2017 and 2018-2021).

¹ 15358/10

At the end of the EU Policy Cycle/EMPACT², an independent evaluation is conducted that serves as an input for the next cycle. The last independent evaluation study was contracted out by the European Commission, to an independent external evaluator (Ernst & Young and RAND Europe). The final evaluation study was distributed to COSI delegates on 19 October 2020³.

The independent evaluation concluded that the EU Policy Cycle for organised and serious international crime/EMPACT 2018-2021 is relevant, effective, increasingly efficient, coherent and provides EU added value.

In order to further strengthen EMPACT, the independent evaluation also formulated several recommendations. Following discussions at COSI SG and COSI, as well as a written consultation, most of the recommendations were included in the implementation roadmap endorsed on 17 December 2020⁴.

One of the agreed recommendations is to make EMPACT a permanent instrument. Despite the fact that EMPACT is continuously growing and provides substantial operational results, it still remains a somewhat ‘humble project’ after 10 years of existence. Establishing EMPACT as a permanent EU cooperation instrument to fight organised and serious international crime has the potential to bring sustainability and increased visibility for EMPACT, which could lead to additional funding and increase the involvement of relevant stakeholders who may contribute to more successful joint operational results.

Pursuant to discussions at COSI and COSI SG and in line with delegations requests, the transformation of the EU Policy Cycle/EMPACT into a permanent EMPACT cycle will not drastically change the current procedure. EMPACT will continue to be a four-year cycle, with the same sequence of planning, implementation, monitoring and evaluation.

² European Multidisciplinary Platform against Criminal Threats

³ 11992/20 + ADD 1 EU RESTRICTED

⁴ 13686/2/20 REV 2

An additional important change outlined in the roadmap is the removal of the thematic Multi-Annual Strategic Plans (MASPs), that is to say the individual MASPs dedicated to the OAPs, and the establishment of one, ‘General MASP’ which will gather common horizontal strategic goals (CHSGs) for all OAPs. It will be designed during a workshop in June. These mandatory CHSGs will have to be implemented within each OAP. This approach will strengthen the consistency and coherence between the OAPs, as well as the multi-disciplinary and multi-agency approach. In order to ensure flexibility, the CHSGs could be tailored to the specific needs of the OAP and, if relevant, additional strategic goals could be added. In addition, some strategic elements currently included in thematic MASPs will be added to the OAPs.

Following the recommendation of the independent evaluation, delegations also agreed to replace the name ‘EU Policy cycle for organised and serious international crime’ with the sole acronym ‘EMPACT’, accompanied by an official logo, as outlined in the branding style guide. This change better reflects the overall objective of EMPACT and will simultaneously improve media communication.

Based on the above, the Presidency prepared this set of draft Council conclusions on the permanent continuation of the EU Policy Cycle for organised and serious international crime: EMPACT 2022+.

Delegations will find in the annex the draft Council conclusions on the continuation of the EU Policy Cycle: EMPACT 2022+, having been prepared at COSI SG level (5119/2/21 REV 2). COSI delegations are invited to approve this document for subsequent adoption by the Council in March.

Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-kontinwazzjoni permanenti taċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE għall-kriminalità internazzjonali organizzata u serja: EMPACT 2022+

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

FILWAQT LI JFAKKAR fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-8 u d-9 ta' Novembru 2010 dwar il-ħolqien u l-implimentazzjoni ta' Ċiklu ta' Politika tal-UE għall-kriminalità internazzjonali organizzata u serja (Ċiklu ta' Politika tal-UE)⁵, li stabbilixxew Ċiklu ta' Politika tal-UE pluriennali u metodoloġija ċara għall-istabbiliment, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-prijoritajiet fil-ġlieda kontra l-kriminalità internazzjonali organizzata u serja,

FILWAQT LI JFAKKAR fiċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE inizjali mnaqqas bejn l-2012 u l-2013, li kien segwit minn żewġ Ċikli ta' Politika tal-UE sħaħ bejn l-2014-2017⁶ u l-2018-2021⁷,

FILWAQT LI JINNOTA li f'konformità mal-metodoloġija taċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE, twettqet evalwazzjoni fil-fond u indipendenti bħala r-raba' u l-aħħar pass taċ-ċiklu u serva bħala kontribut għaċ-ċiklu EMPACT⁸ li jmiss,

FILWAQT LI JIEĦU NOTA tar-rapport finali tal-istudju ta' evalwazzjoni, imħejji minn evalwatur estern indipendenti f'kooperazzjoni ma' grupp konsultattiv magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri tal-UE, li ġie stabbilit biex jipprovdri pariri dettaljati u esperti dwar l-implimentazzjoni taċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE. L-istudju ta' evalwazzjoni kopra l-perijodu bejn Marzu 2017 u Settembru 2020 u ġie ppreżentat mill-Kummissjoni u tqassam lid-delegati tal-COSI fid-19 ta' Ottubru 2020⁹,

⁵ 15358/10

⁶ 12095/13

⁷ 7704/17

⁸ EMPACT: Pjattaforma multidixxiplinari Ewropea kontra t-theddid kriminali

⁹ 11992/20

FILWAQT LI JAGĦRAF li l-evalwazzjoni indipendenti tikkonkludi li ċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE/EMPACT qed jilħaq l-oġġettivi tiegħu fit-tisħiħ tal-kooperazzjoni fil-qasam tal-ġlieda kontra l-kriminalità internazzjonali organizzata u serja, qed juri li huwa rilevanti, effettiv, dejjem aktar effiċjenti u koerenti u għab valur miżjud tal-UE lill-Istati Membri billi pprovdiehom strutturi għat-tisħiħ tal-kooperazzjoni u l-kontributi tagħhom kif ukoll ħoloq fiduċja fost il-partijiet ikkonċernati rilevanti,

FILWAQT LI JINNOTA li r-rapport tal-istudju ta' evalwazzjoni indipendenti fih għadd ta' rakkomandazzjonijiet u azzjonijiet rakkomandati biex iċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE (EMPACT 2022+) isir aktar effettiv, effiċjenti u ssimplifikat, u biex jiġi bbilanċjat il-piż imqiegħed fuq partijiet ikkonċernati differenti,

KONXJU tal-ħtieġa li jkompli jiżviluppa l-proċess EMPACT, li jibni fuq ir-riżultati tal-evalwazzjoni u l-esperjenza miksuba mill-Istati Membri, l-aġenziji, l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE, kif ukoll sħab terzi rilevanti, fl-implimentazzjoni taċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE/EMPACT, bil-ħsieb li dan isir aktar effiċjenti u effettiv,

FILWAQT LI JFAKKAR li wieħed mill-elementi importanti fl-effiċjenza taċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE/ EMPACT huwa l-involviment attiv u l-impenn tal-Istati Membri, l-istituzzjonijiet u l-korpi, l-aġenziji u l-atturi rilevanti oħra, inkluż dawk f'pożizzjoni ta' tmexxija, biex jiżguraw l-implimentazzjoni operazzjonali reali li teħtieġ riżorsi umani u finanzjarji suffiċjenti, l-għarfien kif ukoll ir-rikonoxximent,

FILWAQT LI JENFASIZZA r-rwol importanti tal-Muturi u l-Komuturi u l-ħtieġa li tiġi segwita b'mod attiv il-kontinwità fit-twettiq ta' dawk ir-rwoli,

KONXJU tal-ħtieġa li jiżdied il-baġit disponibbli għall-attivitajiet tal-EMPACT u l-ħtieġa li l-atturi kollha involuti jagħmlu l-aħjar użu mill-opportunitajiet ta' finanzjament disponibbli kollha,

FILWAQT LI JENFASIZZA l-approċċ integrat għas-sigurtà interna tal-UE, bl-involviment ta' miżuri li jkopru mill-kontrolli tal-fruntieri esterni, il-pulizija, id-dwana, il-kooperazzjoni ġudizzjarja sal-ġestjoni tal-informazzjoni, l-innovazzjoni, it-taħriġ, il-prevenzjoni u d-dimensjoni esterna tas-sigurtà interna, kif ukoll, fejn adatt, sħubiji pubbliċi-privati,

FILWAQT LI JENFASIZZA l-approċċ multidixxiplinari u bejn diversi aġenziji ta' Ċiklu ta' Politika tal-UE/EMPACT, li jinvolvi l-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri, skont il-leġislazzjoni nazzjonali, l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE, l-aġenziji u l-atturi rilevanti oħra. Aktar kooperazzjoni bejn il-pulizija, il-gwardji tal-fruntiera u tal-kosta, id-dwana, l-awtoritajiet ġudizzjarji, amministrattivi u tat-taxxa, kif ukoll l-istituzzjonijiet, il-korpi, l-aġenziji u n-networks rilevanti tal-UE hija kruċjali. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lis-sħab li mhumex tal-infurzar tal-liġi, inkluż awtoritajiet pubbliċi oħra u s-settur privat, kif ukoll pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali,

FILWAQT LI JENFASIZZA l-importanza ta' koordinazzjoni nazzjonali effettiva bejn l-awtoritajiet rilevanti u filwaqt li jissottolinja l-hteġa li jissaħħaħ aktar ir-rwol tal-Koordinaturi Nazzjonali tal-EMPACT (NEC) fl-iżgurar tal-fluss ta' informazzjoni bejn il-partijiet ikkonċernati parteċipanti, il-kontinwità tar-rwoli tal-atturi rilevanti, kif ukoll l-involvement ta' diversi aġenziji u multidixxiplinari,

FILWAQT LI JINNOTA l-hteġa li jittejjeb l-għarfien dwar l-EMPACT fost dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet, il-prattikanti tal-infurzar tal-liġi u l-partijiet ikkonċernati rilevanti oħra fil-livell nazzjonali, peress li dan jikkontribwixxi wkoll għal allinjament aħjar tal-EMPACT mal-ippjanar nazzjonali,

KONXJU tal-hteġa li tissaħħaħ l-identità, il-viżibbiltà u l-komunikazzjoni tal-EMPACT sabiex jiġi enfasizzat il-kontribut tal-EMPACT fil-ġlieda kontra l-kriminalità internazzjonali organizzata u serja,

FILWAQT LI JENFASIZZA d-dimensjoni esterna tas-sigurtà interna u l-importanza tal-iżvilupp ulterjuri tal-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, organizzazzjonijiet internazzjonali u sħab rilevanti, filwaqt li jitqiesu l-azzjonijiet esterni tal-UE, fl-implimentazzjoni operazzjonali tal-EMPACT,

FILWAQT LI JINNOTA n-natura trasversali li qed tiżdied tal-kriminalità u l-hteġa li tissaħħaħ il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn prijoritajiet differenti,

FILWAQT LI JINNOTA l-vantaġġ miksub mill-użu ta' teknoloġiji moderni, li min-naħa tagħhom jippermettu ġestjoni mtejbja tal-informazzjoni, u jiffaċilitaw żviluppi ewlenin possibbli fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u serja,

FILWAQT LI JENFASIZZA l-ħtieġa li l-EMPACT jiġi integrat mal-politiki u l-istrateġiji rilevanti kif ukoll li jiġi żgurat l-allinjament u jiġu evitati d-duplikazzjonijiet, inkluż ma' għodod operazzjonali oħra,

FILWAQT LI JISSOTTOLINJA li għandu jintlaħaq bilanċ bejn miżuri preventivi u repressivi biex jiġi indirizzat it-theddid għas-sigurtà interna tal-UE ppreżentat mill-kriminalità internazzjonali organizzata u serja,

FILWAQT LI JIRRIKONOXXI l-benefiċċji li l-EMPACT isir strument permanenti u ewlieni tal-UE fil-ġlieda kontra l-kriminalità serja u organizzata sabiex iżid is-sostenibbiltà u l-viżibbiltà tiegħu, kif ukoll potenzjalment iżid il-finanzjament u l-parteċipazzjoni tal-partijiet ikkonċernati rilevanti filwaqt li jirrispetta l-proċedura stabbilita sew u effiċjenti bbażata fuq iċ-ċiklu ta' erba' snin, inkluż l-ippjanar, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni,

FILWAQT LI JIRRIKONOXXI l-benefiċċju tat-tneħħija tal-MASPs tematiċi u l-adozzjoni ta' MASP ġenerali wieħed biex jiġu definiti l-għanijiet strateġiċi orizzontali komuni sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv u tissaħħaħ il-konsistenza u l-koerenza fost il-pjanijiet ta' azzjoni operazzjonali (OAPs). Jinnota l-ħtieġa li jiġu inklużi xi elementi strateġiċi mill-MASPs tematiċi fl-OAPs, filwaqt li jinżamm il-valur operazzjonali tal-OAPs,

FILWAQT LI JIRRIKONOXXI l-benefiċċji li ser jirriżultaw mis-sostituzzjoni tat-terminu "Ċiklu ta' Politika tal-UE għall-kriminalità internazzjonali organizzata u serja" għall-isem uniku "EMPACT",

JAQBEL LI

1. Jissostitwixxi t-terminu "Ċiklu ta' Politika tal-UE għall-kriminalità internazzjonali organizzata u serja" għall-isem uniku "EMPACT" (Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali);

2. Jimplimenta l-EMPACT bħala strument permanenti u ewlieni tal-UE għal kooperazzjoni multidixxiplinari strutturata għall-ġlieda kontra l-kriminalità internazzjonali organizzata u serja mmexxija mill-Istati Membri u appoġġata mill-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE f'konformità mal-mandati rispettivi tagħhom, li jsegwi ċiklu ta' erba' snin u jikkonsisti f'erba' stadji, jigiġifieri;
- i) L-iżvilupp tal-politika abbażi ta' Valutazzjoni mill-Unjoni Ewropea tat-Theddid mill-Kriminalità Serja u Organizzata (EU SOCTA) li għandha tipprovdi stampa sħiħa u kompluta tat-theddidiet kriminali li għandhom impatt fuq l-Unjoni Ewropea. Minħabba n-natura tal-kriminalità, li qed tevolve b'mod rapidu, il-Europol, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri u l-aġenziji rilevanti tal-UE, għandha tħejji rieżami ta' nofs it-terminu tat-theddid il-ġdid, li qed jinbidel jew li hu emerġenti, waqt li tagħti attenzjoni partikolari għall-prijoritajiet kriminali maqbula tal-UE, permezz tal-produzzjoni ta' rapport interim lill-Kunsill.
 - ii) L-istabbiliment tal-politika u t-teħid tad-deċiżjonijiet permezz tal-identifikazzjoni mill-Kunsill ta' għadd limitat ta' prioritajiet. Barra minn hekk, għandu jiġi żviluppat Pjan Strateġiku Pluriennali Ġenerali (MASP) b'Għanijiet Strateġiċi Orizzontali Komuni (CHSGs) sabiex jinkiseb approċċ multidixxiplinari, integrat u integrali (li jkopri miżuri preventivi kif ukoll repressivi) biex it-theddidiet prijoritizzati jiġu indirizzati b'mod effettiv. L-OAPs jista' jkun fihom għanijiet strateġiċi addizzjonali mfassla għall-ħtiġijiet prijoritarji speċifiċi.
 - iii) L-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-OAPs annwali, li jeħtieġ li jiġu allinjati mas-CHSGs kif stabbilit fil-MASP Ġenerali, biex jiġu indirizzati t-theddidiet prijoritizzati. Barra minn hekk, il-COSI ser iwettaq kemm valutazzjoni ta' nofs it-terminu kif ukoll valutazzjoni finali tar-riżultati tal-azzjonijiet biex jitkejjel l-ilħuq tas-CHSGs u tal-għanijiet strateġiċi addizzjonali li ġew inklużi fl-OAPs. Il-prijoritajiet u l-għanijiet strateġiċi jistgħu jiġu rieżaminati wara r-riżami ta' nofs it-terminu tat-theddid ġdid, li qed jinbidel u emerġenti.
 - iv) Fi tmiem kull Ċiklu tal-EMPACT, ser titwettaq evalwazzjoni indipendenti biex tivvaluta l-implimentazzjoni tal-EMPACT u l-eżitu tagħha, segwita minn deċiżjoni ta' politika infurmata, u ser isservi ta' gwida għaċ-Ċiklu tal-EMPACT li jmiss.

Il-qafas operazzjonali u ta' governanza tal-EMPACT huwa żviluppat aktar fit-Termini ta' Referenza tal-EMPACT, kif approvati mill-COSI.

JAGĦTI STRUZZJONIJIET LILL-COSI BIEX

3. Iħejji, abbażi tad-Dokument Konsultattiv dwar il-Politika (PAD) li ġie abbozzat mill-Presidenza u l-Kummissjoni abbażi tal-EU SOCTA u waqt li jikkunsidra dokumenti, valutazzjonijiet u politiki strateġiċi oħra, abbozz ta' konklużjonijiet tal-Kunsill li jiffissaw il-prijoritajiet kriminali tal-UE.
4. Jadotta l-"MASP Ġenerali", u l-OAPs annwali u jikkoordina u jimmonitorja l-implimentazzjoni tagħhom. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-implimentazzjoni operazzjonali u lill-approċċ multidixxiplinari, integrat u integrali għall-ġlieda kontra l-kriminalità.
5. Jirrevedi, kif meħtiegħ, id-dokumenti rilevanti tal-EMPACT, pereżempju, it-termini ta' referenza tal-EMPACT, il-mudell OAP jew il-lista ta' atturi rilevanti.
6. Jimmonitorja u jagħmel ħiltu biex jiżgura li jiġi pprovdut finanzjament adegwat biex jiġu appoġġati b'mod effettiv l-azzjonijiet miftiehma fi ħdan l-EMPACT.
7. Jesplora miżuri biex isaħħu l-komunikazzjoni, il-viżibbiltà u l-identità tal-EMPACT, inkluż il-pubblikazzjoni u l-promozzjoni tar-riżultati operazzjonali (inkluż l-iskedi informattivi).
8. Jipprovdi, abbażi tad-definizzjoni tal-Jum ta' Azzjoni Konġunta (JAD), gwida strateġika fl-ippjanar tal-JADs li jitwettqu fil-qafas tal-EMPACT, u jimmonitorja r-riżultati.
9. Iwettaq kemm valutazzjoni ta' nofs it-terminu kif ukoll valutazzjoni finali tar-riżultati tal-azzjonijiet biex jitkejjel l-ilħuq tal-għanijiet strateġiċi bil-ħsieb li tittejjeb l-implimentazzjoni operazzjonali.

JAPPELLA LILL-ISTATI MEMBRI BIEX

10. Ikomplu jikkontribwixxu b'mod attiv għall-iżvilupp ulterjuri tal-metodoloġija SOCTA permezz tal-Grupp Konsultattiv tas-SOCTA u jistinkaw biex itejbu kontinwament l-għoti ta' data ta' kwalità bħala parti mill-ġbir tad-data SOCTA.
11. Jiżviluppaw, bl-assistenza ta' esperti minn aġenziji, istituzzjonijiet u korpi rilevanti tal-UE, MASP Ġenerali, bis-CHSGs, kif ukoll OAP(s) għal kull prijorità kriminali, filwaqt li jiddefinixxu l-aktar approċċ xieraq biex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet identifikati.
12. Jintegraw l-azzjonijiet rilevanti żviluppati fi ħdan l-EMPACT fl-ippjanar nazzjonali tagħhom u jallokaw riżorsi għall-appoġġ ta' approċċ komuni tal-UE.
13. Jappoġġaw b'mod attiv il-passi kollha li jikkostitwixxu l-EMPACT, b'mod partikolari billi jassumu r-rwoli ta' koordinazzjoni strateġika ta' muturi, komuturi, ir-rwoli ta' koordinazzjoni proattiva ta' mexxej jew ta' komexxej ta' -Azzjoni u billi jipprovdu rwol ta' appoġġ lill-esperti u lill-Koordinaturi Nazzjonali tal-EMPACT fit-twettiq tal-kompiti tagħhom, fi sforz konġunt biex jiġi implimentat approċċ multidixxiplinari fil-livell nazzjonali u tiġi stabbilita koordinazzjoni nazzjonali effettiva.
14. Jikkontribwixxu biex ikun hemm għarfien dwar l-EMPACT, speċjalment fil-livell nazzjonali, u b'mod attiv jimpenjaw ruħhom fl-implimentazzjoni tal-OAPs.
15. Jagħmlu użu mill-opportunitajiet ta' finanzjament disponibbli kollha, għall-atturi kollha involuti biex jiżguraw li l-finanzjament ikun f'waqt u jkun disponibbli biex jippermetti li l-azzjonijiet operazzjonali jibdew fi stadju bikri.
16. Isaħħu u jikkontribwixxu għall-komunikazzjoni, il-viżibbiltà u l-identità tal-EMPACT u l-OAPs, inkluż billi jippubblikaw u jippromwov u r-riżultati operazzjonali (inkluż l-iskedi informattivi).
17. Irawmu l-involviment attiv tal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha.
18. Jistiednu lin-networks rilevanti tal-UE biex jimpenjaw ruħhom, fil-programmi ta' ħidma tagħhom, li jappoġġaw u jsaħħu l-istrument tal-EMPACT u l-implimentazzjoni tal-OAPs.

JAPPELLA LILL-KUMMISSJONI BIEX

19. Tappoġġa lill-Istati Membri bl-assistenza ta' esperti minn aġenziji, istituzzjonijiet u korpi rilevanti tal-UE, fl-iżvilupp ta' MASP Ġenerali, bis-CHSGs, kif ukoll l-OAP(s) għal kull prijorità kriminali, filwaqt li jiddefinixxu l-aktar approċċ xieraq biex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet identifikati.
20. Tikkunsidra l-possibbiltà li ssaħħaħ il-finanzjament tal-implimentazzjoni tal-OAPs u attivitajiet oħra tal-EMPACT.
21. Tintegra u tartikola l-istrument tal-EMPACT, kull meta jkun pertinenti, mal-politiki tas-sigurtà rilevanti tal-UE, u mal-programmi tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet.
22. Tistieden lin-networks rilevanti tal-UE, iffinanzjati mill-Kummissjoni, biex jimpenjaw ruħhom, fil-programmi ta' ħidma tagħhom, li jappoġġaw u jsaħħu l-istrument tal-EMPACT u l-implimentazzjoni tal-OAPs.
23. Filwaqt li tqis l-esperjenza preċedenti u f'konsultazzjoni mal-Istati Membri u l-aġenziji tal-UE fil-COSI, twettaq evalwazzjoni indipendenti biex tivvaluta l-implimentazzjoni tal-EMPACT u tibgħat ir-riżultati tagħha lill-Kunsill.

JAPPELLA LIS-SERVIZZ EWROPEW GĦALL-AZZJONI ESTERNA U LILL-KUMMISSJONI BIEX

24. Jippromwovu l-għarfien dwar l-EMPACT fid-djalogi tal-UE dwar is-sigurtà ma' pajjiżi terzi, kif ukoll fil-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK).
25. Jiffaċilitaw, anki permezz tad-delegazzjonijiet tal-UE, l-Esperti dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu/is-Sigurtà tal-UE u l-Uffiċjali ta' Kollegament Ewropew għall-Migrazzjoni, il-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi fl-implimentazzjoni operazzjonali tal-EMPACT, fejn xieraq skont it-theddid u l-ħtieġa identifikati.

JAPPELLA LILL-AĠENZIJI TAL-UE BIEX

26. Jipproduċu, taħt it-tmexxija tal-Europol u f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u l-aġenziji rilevanti tal-UE, il-Valutazzjoni ta' Theddid mill-Kriminalità Serja u Organizzata tal-Unjoni Ewropea (EU SOCTA), li għandha tipprovdi stampa sħiħa u kompluta tat-theddidiet kriminali li għandhom impatt fuq l-Unjoni Ewropea.
27. Jappoġġaw lill-esperti tal-Istati Membri u tal-istituzzjonijiet tal-UE fl-iżvilupp tal-MASP Ġenerali kif ukoll tal-OAPs dwar il-prijoritajiet kriminali skont il-mandat tagħhom.
28. Jipprovdu, permezz tal-Europol, appoġġ metodoloġiku, analitiku u amministrattiv għall-abbozzar tal-MASP Ġenerali u l-OAPs inklużi l-Għanijiet SMART u l-Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni - KPIs.
29. Jipprovdu, f'konformità mal-mandat rispettiv tagħhom, appoġġ operazzjonali u analitiku kontinwu għal azzjonijiet operazzjonali, inkluż l-ipproċessar ta' data personali relatata mal-kriminalità, kif ukoll appoġġ speċifiku għar-rapportar u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-OAPs.
30. Jieħdu l-impenn fil-programmi ta' ħidma annwali tagħhom biex jimplimentaw l-azzjonijiet żviluppati fi ħdan l-EMPACT.
31. Jiżviluppaw, taħt it-tmexxija tal-Europol u f'kooperazzjoni mal-Istati Membri u l-aġenziji rilevanti tal-UE, rapport interim dwar theddid ġdid, li qed jinbidel jew emerġenti, filwaqt li jagħtu attenzjoni lill-prijoritajiet deċiżi tal-UE dwar il-kriminalità u l-EU SOCTA, it-tnejn abbażi tar-rekwiżiti approvati mill-COSI, b'kont meħud tar-rakkomandazzjonijiet tal-evalwazzjoni indipendenti u f'kooperazzjoni mill-qrib mal-esperti rilevanti¹⁰.

¹⁰ Ir-rapport interim għandu jkun disponibbli fit-tieni kwart tat-tieni sena taċ-ċiklu EMPACT, l-EU SOCTA fl-ewwel kwart tal-aħħar sena taċ-ċiklu kif deskritt fl-iskeda taż-żmien tal-EMPACT.

32. Jikkontribwixxu għad-definizzjoni tal-opportunitajiet ta' finanzjament differenti kollha sabiex jappoġġaw b'mod effettiv l-attivitajiet miftiehma fi ħdan l-EMPACT u biex jiżguraw kemm jista' jkun flessibbiltà fil-limiti tar-regoli finanzjarji (u jikkontribwixxu għall-aġġornament tal-pakkett ta' informazzjoni dwar opportunitajiet ta' finanzjament imħejji flimkien mal-Kummissjoni, is-SEAE u atturi rilevanti oħra).
 33. Jipprovdu pakketti ta' taħriġ u jesploraw miżuri oħrajn ta' sensibilizzazzjoni.
 34. Jippromwovu b'mod attiv is-sensibilizzazzjoni u l-viżibbiltà tal-EMPACT fil-komunikazzjonijiet kollha dwar l-attivitajiet, l-operazzjonijiet u r-risultati relatati mal-EMPACT jew iffinanzjati minnha, b'mod partikolari bl-użu sistematiku tal-logo tal-EMPACT, kif ukoll il-#EMPACT fejn xieraq.
 35. Jikkontribwixxu għall-iskambju tal-aħjar prattiki u l-kondiviżjoni ta' esperjenzi.
-